Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 37/17

**AVVIŻI**

**10 ta' Settembru 2017**

Matul il-ġimgħa li ġejja l-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Provinċja Maltija sa jkunu qegħdin jiltaqgħu għall-Kapitlu Provinċjali li fih jiġġeddu fil-ħajja fraterna u jfittxu li jagħrfu r-rieda t'Alla għalihom.

Nhar il-Ħamis 14 ta' Settembru, Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib, wara l-quddiesa tas-7pm issir ċelebrazzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib

Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru wara l-quddiesa tas-7pm sa jsiru l-provi taċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Għandhom jattendu dawk kollha li sa jirċievu l-Griżma flimkien mal-parrini tagħhom.

Nhar is-Sibt 16 ta' Settembru sa jkun amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-quddiesa tas-7pm.

Inħeġġu lil dawk li jixtiequ li l-festi li niċċelebraw fil-parroċċa tagħna jkunu isbaħ u aktar parteċipattivi biex jidħlu fil-Kumitat tal-Festa li jibda jiltaqa' lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar. Nistiednu lill-irġiel u nisa tal-parroċċa tagħna biex jagħtu sehemhom biex il-parroċċa tagħna tkun aktar ħajja, kulħadd skont ma jaf u jista'. Min hu interessat ikellem lill-kappillan.